# X'rat il-knisja ta' San Publju

## *minn Dun Ġużepp Grech Cremona B.A.,Lic. D.*

Il-Knisja Parrokkjali ta' San Publju fil-Furjana la hi Kattidral, la Kolleġġjata u lanqas Bażilika. Hi biss Parroċċa Arċipretali. U bħala Parroċċa lanqas hi antika. Ilha Parroċċa inqas minn 150 sena. Inbniet mill-1733 sal-1771, u ġiet ikkonsagrata fl-1792. Saret Viċi-Parroċċa fl-1776, Parroċċa fl-1844 u Arċipretali fl-1869. Il-Kappuċċini ilhom il-Furjana iktar minn 400 sena, għax ġew fl-1588. U l-ewwel knisja ta' Sarria kienet inbniet fl-1585. Tant li meta ġie Malta l-Isqof Duzina, ma żar ebda knisja fil-Furjana. Madankollu fil-Belt Valletta li kienet għadha qed tinbena żar biss tliet knejjes: S. Duminku, tal-Karmnu u S. Barbara.

B'danakollu, il-knisja ta' San Publju għandha storja kbira, sabiħa u glorjuża, għad li mhix tant twila. Għax minħabba l-post fejn tinsab fl-aqwa ċentru ta' Malta, bi pjazza immensa quddiemha, rat avvenimenti mill-isbaħ, iktar minn bosta knejjes oħra, u f'din il-ħaġa żgur li tiġi minn ta' l-ewwel. F'din il-kitba qasira se nipprova nsemmi xi ftit minnhom, għallinqas l-iktar importanti.

### KUNGRESSI

Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913, taħt l-Arċisqof Pietru Pace, sar il-Mosta. Imma l-proċessjoni solenni, immexxija mill-Kardinal Domenico Ferrata, Legat tal-Papa San Piju X, flimkien ma' Kardinali, Isqfijiet u saċerdoti oħra spiċċat quddiem San Publju.



Ftit aktar minn 25 sena wara, u eżattament f'April 1939, saret tifkira ta' dan l-istess Kungress, ukoll fuq il-Fosos ta' quddiem il-knisja tal-Furjana. U fis-26 ta' Mejju 1963 saret it-tifkira ta' egħluq il-50 sena tal-Kungress bi proċessjoni solenni li spiċċat ukoll quddiem San Publju.

Fl-okkażjoni tal-Kungress Marjan ta' l-1949, barra minn quddiesa għat-tfal kollha ta' Malta, nhar Lapsi, 26 ta' Mejju, sar il-famuż "Lejl Marjan" is-Sibt, 28 ta' Mejju, ukoll quddiem San Publju, immexxi mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

### ĊENTINARJI

Fil-ħmistax-il Ċentinarju mill-mewt ta' Santu Wistin fl-1931, saret proċessjoni solenni immexxija mill-Arċisqof Dom Mawru Caruana O.S.B. (imwieled il-Furjana fl-1867) flimkien ma' Isqfijiet u saċerdoti oħra li spiċċat ukoll quddiem San Publju. fiċ-Ċentinarju tal-Madonna tal-Karmnu fl-1951, baqa' msemmi l-"Lejl Karmelitan" li sar quddiem San Publju nhar is-Sibt, 30 ta' Ġunju ta' dik is-sena, immexxi s'intendi mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Festi kbar saru ma' Malta u Għawdex għaċ-Ċentinarju tal-wasla ta' l-Appostlu Missierna San Pawl fl-1960. L-egħluq ta' kollox kien proċessjoni solenni, immexxija mill-Kardinal Muench, Legat tal-Papa Giovanni XXIII flimkien ma' Kardinali, Isqfijiet u bosta saċerdoti, li spiċċat quddiem San Publju. U smajna bir-radju l-leħen tal-Papa nnifsu, Giovanni XXIII.

Ftit jiem qabel, l-istatwa ta' San Pawl tal-Belt Valletta, flimkien ma' dik ta' San Publju tal-Furjana, kienu l-oġġett tal-qima tal-poplu Malti fil-pjazza ta' San Publju.



Fis-17 ta' Settembru 1983, fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa ta' egħluq l-1950 sena mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, imnedija mill-Papa tal-lum, Giovanni Pawlu II, il-Kardinal Salvatore Pappalardo, Arċisqof Ġużeppi ta' Palermo u Legat tal-Papa, flimkien ma' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, ma' l-Isqof Nikol Cauchi u tant oħrajn iċċelebra Konċelebrazzjoni Solenni quddiem San Publju. Dik is-sena kien qed jitfakkar ukoll f'Malta u Għawdex l-ewwel ċentinarju mill-"manifestazzjoni" tal-Madonna ta' Pinu.

### INKURUNAZZJONIJIET

Fl-1931, fl-okkażjoni tal-15-il Ċentinarju mill-Konċilju ta' Efesu, li fih Marija Santissima ġiet dikjata "Omm Alla", saret quddiem San Publju mill-Arċisqof Mawru Caruana, bl-inkurunazzjoni tax-Xbieha ta' S. Marija Damaxxena, meqjuma fil-knisja parrokkjali tal-Griegi Kattoliċi tal-Belt Valletta.

Nhar l-4 ta' April 1948, l-Arċisqof Mikiel Gonzi mar jinkuruna solennement, quddiem San Publju, ix-xbieha devota tal-Madonna tas-Saħħa, meqjuma fil-knisja ta' San Franġisk tal-Minuri Konven-

*(Ikompli f'paġna 19)*

# X'rat il-knisja ta' San Publju

*(Ikompli minn paġna 17)*

twali tar-Rabat, l-ewwel kunvent ta' Malta.

L-istess Arċisqof Gonzi, nhar is-7 ta' Novembru 1954, fl-okkażjoni tas-Sena Marjana, imnedija mill-Papa Piju XII għall-ewwel Ċentinarju mid-Domma tal-Kunċizzjoni Immakulata ta' Marija, mar jinkuruna solennement, quddiem San Publju, ix-xbieha tal-Madonna, imsejħa "ta' Carafa", meqjuma fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Fl-aħħarnett nhar l-1 ta' Mejju, 1963, festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, l-istess Arċisqof Gonzi, mar ukoll jinkuruna solennement l-istatwa ta' San Ġużepp, imsejjaħ "ix-Xiħ", meqjuma fl-Oratorju ta' l-Arċi-Konfraternità tiegħu, anness mal-knisja ta' S. Marija ta' Ġesù, tal-Franġiskani Minuri Osservanti (Ta' Ġieżu) tar-Rabat.

ĊERIMONJI SOLENNI OĦRA

Hawn nixtieq qabel xejn insemmi li wara li l-Knisja Parrokkjali ta' San Publju sfat kważi kompletament meqruda fil-gwerra eżattament nhar it-28 ta' April, 1942, reġgħet ġiet miftuħa għall-kult, parzjalment, jiġifieri l-korsija u n-navijiet fl-10 ta' Diċembru 1944 u kollha kemm hi f'Novembru 1949.

Sadanittant kienet saret Proċessjoni Solenni, immexxija mill-Arċisqof Gonzi, nhar l-10 ta' Novembru 1946, bir-relikwija insinji tax-Xedaq ta' Sant' Antnin, miġjuba mill-Bażilika tiegħu tal-Minuri Konventali ta' Padova, għall-qima tal-poplu ta' Malta u Għawdex.

Insemmu wkoll, li fl-okkażjoni tal-festi li saru għall-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II ta' l-Ingilterra, li saret f'Westminster Abbey, fit-2 ta' Ġunju 1953, l-Arċisqof Mikiel Gonzi, jumejn qabel, fil-31 ta' Mejju, festa tas-SSma Trinità, kien iċċelebra quddiem San Publju, quddiesa għat-tfal kollha ta' Malta.

ĊELEBRAZZJONIJIET TA' KULL SENA

Wara li l-Papa Piju XI fis-Sena Mqaddsa 1925, kien waqqaf il-festa ta' Kristu Re, għal bosta snin, il-Korteo (li għadu jsir sal-lum) kien però jitlaq mill-Belt, immexxi dejjem mill-Arċisqof, u jispiċċa quddiem San Publju, fejn kien isir ukoll id-diskors taċ-ċirkustanza minn xi predikatur magħruf.

U wara li l-Papa Piju XII fl-1955 waqqaf għall-1 ta' Mejju, il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, għal ħafna snin, l-ewwel darba fl-1956, kienet issir quddiem San Publju, il-quddiesa mill-Arċisqof, li daż-żmien issir fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Insemmi fl-aħħarnett, li minn meta nbniet sal-lum, għal iktar minn 200 sena, il-knisja, il-lum parrokkjali, ta' San Publju, kull sena nhar il-Kunċizzjoni, jew il-Ħadd ta' wara, tara ġejja mill-Kon-Kattidral ta' San Ġwann il-proċessjoni għall-knisja ta' Marija Immakulata, imsejħa ta' Sarria, li kienet bdiet issir b'wegħda li għamlu l-Kavallieri taħt il-Gran Mastru Rafel Cottoner fl-1676, wara t-tmiem tal-pesta ta' dik is-sena. Minn meta fl-1954, ġiet inkurunata, kif diġa' għidna, il-Madonna ta' "Carafa", il-proċessjoni qed issir bix-xbieha tagħha.

Naħseb li dawn huma l-avvenimenti prinċipali li rat u għadha tara l-knisja parrokkjali u arċipretali ta' San Publju tal-Furjana, knisja m'għandna xi ngħidu xejn, kbira, sabiħa, imponenti u monumentali.

Nagħlaq billi ngħid li taħt il-portiku tal-knisja jeżistu lapidi ta' l-irħam li jfakkru ċ-ċentinarju ta' San Publju fl-1925, dak ta' S. Wistin fl-1931, dak tal-Madonna tal-Karmnu fl-1951, kif ukoll l-inkurunazzjoni tal-Madonna Damaxxena (1931), tas-Saħħa (1948) u ta' Carafa (1954).

**Home Pride Ltd.**

33, St. Anne Street, Floriana
Tel: 227627

**Gifts, Domestic & Electrical Appliances, Household Goods and Toys**

**TENDERCUT BUTCHER**

(Prop. Victor Galea)

35, St. Francis Street, Floriana
Tel: 228734

**"JOHN"**

**HAIR STYLIST FOR MEN**

*59, St. Francis Street, Floriana*
*Tel: 228466*

**The Top Shop**

St. Thomas Street, Floriana

General Clothing
Ladies Tops
Gents Tops
Children's Tops
Children's Underwear
We are also a Haberdashery